Minuti tal-71 (wieħed u sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ġimgħa 31 ta' Awwissu 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.30p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

Il-Viċi Sindku s-Sur Tony Borg talab li jkun skużat peress li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai huwa skużat peress li huwa assenti minħabba raġunijiet ta' safar.

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kienx hemm Minuti x'jitresqu għall-approvazzjoni peress li kienu għadhom mhux lesti.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 25/2012: Reġgħet intbagħtet din il-Memo li oriġinarjament kienet intbagħtet f'Ġunju fejn qeda issir talba mill-*Plant Health Directorate* biex jekk intefqu xi flus fuq bexx minħabba l-Bumunqar l-aħmar, il-Kunsill għandu jibgħat l-irċevuti lid-Direttorat ħalli issir talba lill-Gvern Ċentrali u dawn l-flus jinġabru lura. Fill-każ tal-Kunsill tal-Fontana qatt ma kien hemm bżonn li jsir xi bexx u għalhekk m'għandux irċevuti x'jippreżenta. Is-Sindku qal li f'każ li din l-marda daħlet f'Għawdex ukoll għandu jsir il-bexx meħtieġ.

### 3.2 Korrispondenza

3.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef informa lill-Kunsill li bejn it-28 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru ser ikun indispost miħabba raġunijiet ta' safar u qed jitlob biex il-laqgħa li jmiss ma issirx f'dak il-perjodu. Għalhekk is-


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Sindku ippropona li l-laqgħa li jmiss issir fis-27 ta' Settembru. Il-Membri tal-Kunsill preżenti qablu.

3.2.2 Is-Sur Guido Zammit mill-ETC informa l-Kunsill b' e-mail li l-kuntratt tas-Sur Terry Attard reġgħa ġie imġedded għas-6 xhur li ġejjin. Is-Sindku qal li s-Sur Terry Attard kien għad fadallu 6 xhur oħra biex ikopri l-perjodu ta' 3 snin li hu l-perjodu massimu li ħaddiem jista jiġi imqabbad taħt din l-iskema u għalhekk ma kien hemm l-ebda problema biex l-kuntratt tiegħu jiġi imġedded. Dan skond is-Sur Guido Zammit.

3.2.3 Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti bagħat poster biex jitwaħħal fuq in-*notice board* ħalli titkompla l-kampanja ta' informazzjoni fuq l-Bumunqar l-aħmar.

3.2.4 Is-Sindku informa l-Kunsill li ġew ikkuntatjati l-GreenPak biex jipprovdu l-informazzjoni neċessarja lill-Kunsill rigward l-iskemi li joffru għall-ġbir ta' l-iskart separat. Dan sar minħabba l-fatt li l-GreenMT mhux qed t'onora l-pagamenti dovuti. Dan sar peress li l-Kunsill ilhu għall-diversi xhur jagħmel dawn t-talbiet biex jitħalsu.

3.2.5 E-mail mid-Direttorat tal-*Life Long Learning* fuq t-tnedija ta' korsijiet għall-adulti offruti mill-Kunsilli Lokali fi proġett konġunt ma' l-istess Direttorat. Il-Korsijiet jibdew f'Ottubru ta' l-2012 u jispiccaw f'Mejju ta' l-2013. Il-Korsijiet li ser jiġu offruti Għawdex ser isiru fil-Kunsilli tan-Nadur u tax-Xewkija

3.2.6 Korrispondenza ta' e-mails bejn dan il-Kunsill u dak tal-Munxar rigward l-attività għat-tfal li ssir ix-Xlendi u li hu maħsub li issir lejn l-aħħar ta' Settembru. Dawn jirrelataw l-fatt li ma setgħetx tinstab ġurnata biex rappreżentanti miż-żewġ naħat ikunu jistgħu jiltaqgħu anke peress li ċ-*Chairperson* tal-Kumitat tax-Xlendi jkun ħafna mill-ħin Malta. Għalhekk intlaħaq qbil li minflok issir laqgħa, ċ-*Chairperson* jibgħat e-mail bid-dettalji ta' l-attività liż-żewġ Kunsilli fejn jiġi spjegat x'ser isir u li skond ċ-*Chairperson* din ser issir l-istess bħas-snin l-oħra. Sa issa l-Kunsill għadu ma irċieva l-ebda e-mail b'dawn d-dettalji.

3.2.7 E-mail mill-MEPA fejn qed tintalab konferma jekk l-applikazzjoni tat-tindif tal-Wied tax-Xlendi (PA 423/06 – *To clear watercourse from accumulated debris and reinstatement of dry stone*) hix qed tiġi irtirata hekk kif mitlub mill-Perit John Saliba skond ittra datata 24 ta' Lulju 2012. Din l-ittra hija maħruġa f'isem il-Kunsill. Is-Sindku qal li qegħdin fil-proċess li napplikaw mill-ġdid peress li l-permess skada fit-3 ta' Awwissu u informa l-Perit biex isib espert disponibli li joqgħod għas-sorveljanza u jekk dan jiġix aċċettat mill-MEPA. Is-Sindku qal li f'każ li dan ma jiġix aċċettat mill-Awtorità, ikun inutli li l-Kunsill joqgħod jonfoq l-flus f'applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-permess.

Is-Sindku ippropona biex tintbagħat ittra lill-Ministru għall-Għawdex, wara li ma kien hemm ebda risposta mid-Direttur tad-Dipartiment ta' Eko Għawdex, biex fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi l-perjodu sa meta jrid ikun lest il-proġett jiġi estiż ħalli l-fondi allokati taħt l-iskema Eko Għawdex ma jintilfux. F'każ li l-fondi mhux ser jibqgħu disponibli, l-Kunsill diffiċli isib fondi għal dan il-proġett mill-allokazzjoni li jingħata. Għalhekk f'dan il-każ l-Kunsill jitlob biex imur għat-tieni preferenza li kien għamel taħt din l-iskema, li hi t-tkomplija tat-toroq bil-fanali dekorattivi li jkunu *energy saving u environmentally friendly* u li huma ukoll approvati. Il-Kunsill qabel.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.8 Il-Perit Gordon Vella bagħat l-pjanta ta' kif inhuma ġejjin t-toilets fil-parti taċ-Ċentru Ċiviku li qeda tinbena bħalissa.
Is-Sindku ippropona biex minhajr dewmien jitqabbad is-Sur Tarcisio Xerri biex jagħmel is-sistema tad-drenaġġ ta' dawn t-toilets. Irid isir ukoll l-irdim biex imbagħad ikun jista' jsir l-madum, kif ukoll ftuħ ta żewġ bibien fejn ġie propost Toni Vella il-bennej li ħadem din il-binja, ħalli x-xogħol fuq din l-parti taċ-Ċentru Ċiviku titlesta sa Jum il-Fontana.
Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab biex jara l-pjanta u talab biex jekk hu possibli jinqalbu l-*istores* mat-toilets peress li ma kienx hemm għalfejn li t-toilets jiġu daqshekk kbar u jkunu akbar l-istores.
Is-Sindku ippropona ukoll li d-dawl jingħata lis-Sur Chris Gauci waqt li l-ilma jsir min Alex Gatt, il-persuna li ħadem ix-xogħol ta' l-ilma ta' l-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill qabel ma' dan kollu li ġie propost.

3.2.9 Kien hemm talba min Spiteri Bailey & Co li xtaqu jkunu jafu f'liema laqgħa tal-Kunsill ġie approvat il-budget għas-sena 2011 wara mistoqsija li saritilhom mill-Uffiċċju ta' l-Awditur Ġenerali. Il-Kunsill wieġeb li l-budget għas-sena 2011 ġie approvat fit-42 laqgħa li saret fis-17 ta' Frar 2011.

### 3.3 Ilmenti

3.3.1 Ilment mis-Sur Matthew Mercieca ta' Flat 1, San Andrea Court B, Triq ta' l-Għajn, Fontana, fejn staqsa x'kien sar mill-ilment li kien għamel madwar xahar qabel. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informah li s-Sindku kien kellem lil Jason Portelli sid il-ħanut biex kemm jista' jkun iħalli quddiem il-Flats aċċessibli ħalli jkun jista' joħroġ minhajr problemi. Għal dan huwa qal li dan ma kienx ser isolvi l-problema li qed jiffaċċjaw għax jekk ikun hemm karozza ipparkjata xorta waħda ma tkunx tista' iddur bil-*pushchair* u l-unika soluzzjoni hi li jsir *double line* quddiem il-bankina. Għalhekk il-Kunsill qabel li isir kuntatt ma Transport Malta biex naraw jekk dan jistax isir.

## 4. Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

4.1 Il-materja ma ġietx diskussa f'din il-laqgħa peress li huwa proċess ftit twil.

## 5. Għoti tal-Offerti

5.1 Offerta FONQ 03/2012: *Placing on site of hardstone paving slabs to form finished floor, site at Fontana Civic Centre, Phase 2.* L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa l-membri preżenti li x-xogħol tat-tqegħid tal-madum ma jistax jibda qabel ma' tiġi aġġudikata l-offerta tal-madum stess.
Is-Sindku fakkar illi fil-laqgħa ta' Mejju l-Kunsill kien qabel li Gatt Tarmac Ltd, l-Offerent li kellu l-irħas offerta, jiġi mitlub jerġa jirrevedi l-prezz peress li l-madum mhux ser ikun ta' l-istess ħxuna bħalma kien fl-ewwel sejħa għall-Offerti.

5.2 Offerta FONQ 05/2012: *Non-Slip texture Hardstone Floor Tiles for external use for the publicly accessible roof of the Fontana Local Council Offices*. Il-Perit għamel r-rapport ta' l-evalwazzjoni fuq l-kampjuni mixħuta miż-żewġ offerenti eliġibli li huma A.F. Ellis Ltd u Gozo Concrete Products Ltd.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara' r-rapport tal-Perit fejn dan qed jirrakkomanda l-kampjun ta' A.F. Ellis Ltd peress li dan biss jissodisfa l-kriterji li magħhom mexa' l-Perit.
Il-Kunsill qabel li la darba r-rapport tal-Perit qiegħed jindika biċ-ċar li l-ġebla magħżula mill-Kunsill fil-laqgħa li saret fis-7 ta' Awwissu 2012 tikkwalifika' m' għandu xejn x'iżid. Li jonqos issa li jagħlaq il-perjodu sa meta l-offerent Gozo Concrete Products Ltd għandu dritt jappella.

5.3 Offerta FONQ 07/2012: *Patching works using Hot Asphalt in various streets of Fontana*. L-offerent Gatt Tarmac Ltd li kellu l-irħas offerta ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali, iżda meta sar kuntatt mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, l-kuntrattur irrimarka l-fatt illi għax dan huwa *patching* biss ma jfissirx li l-prezz ikun irħas, anzi pjuttost ikun għola *per cubic meter* meta tqabbel ma' kisi ta' triq sħiħa u dan peress li hemm numru ta' spejjeż fissi. Il-Kunsill qabel li jiġi iffirmat l-kuntratt ħalli jkun jista jsir ix-xogħol qabel ma jidħol l-istaġun tax-Xitwa.

5.4 Offerta FONQ 08/2012: *Resurfacing of Triq Wied Siekel with tal-Qawwi paving stones – Phase 2*. Wara kuntatt li sar mal-*Gozo Action Group*, jekk l-Kunsill jistax jipproċedi bl-iffirmar tal-Kuntratt ħalli jibda x-xogħol, il-Kunsill ġie infurmat li għadt hemm numru ta' kuntratti li jridu jiġu iffirmati ma' l-EUPA u f'dan l-istadju mhux għaqli li jiġu iffirmati kuntratti ta' xogħlijiet. Il-Kunsill qabel.

5.5 Ġiet diskussa l-offerta ta' xogħol bit-*tarmac* f'parti min Triq il-Għajn, bejn Plazza Sant' Wistin u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili li skont l-istima tal-Perit Angelo Portelli ser tiswa madwar €96,000. Is-Sindku staqsa jekk għandhiex issir parti minnha biss għalissa, bejn l-Pjazza ta' Sant' Wistin u Triq il-Qalb ta'Ġesu, imbagħad l-parti oħra issir darb'oħra. Dan peress li ma hemmx fondi biżżejjed għat-tul kollu. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap irrimarka li l-aħjar issir f'darba peress li tista issir ħsara lill-parti li tkun ġa lesta. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef qal ukoll li din l-parti kollha kemm hi qeda fi stat ħażin u jaqbel li issir f'darba. Is-Sur Horace Micallef staqsa ukoll biex wieħed jara jekk hemmx bżonn isiru s-servizzi ħalli f'dak il-każ isir kollox f'darba biex ma jkunx il-każ li terġa tinqala ftit taż-żmien wara li tkun saret. Is-Sindku qal li kien ser ikellem lill-Inġinier Riolo tal-*Water Services Corporation* minħabba l-bdil tas-servizzi ta' l-ilma li hemm bżonn li jinbidlu peress li ta' sikwit ikun hemm ilma ħiereġ fit-triq. Sar qbil li ssir laqgħa mall-kuntrattur Gatt Tarmac Ltd biex naraw jekk hux lest li jaħdimha u l-ħlas isir parti din s-sena u l-parti l-oħra s-sena ta' wara.

## 6. Mistoqsijiet

6.1 Ma kienx hemm mistopsijiet.

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-Ċedola annessa.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 8. Mozzjonijiet

8.1 Ma tressqet l-ebda mozzjoni.

## 9. Materji Oħra

9.1 Is-Sindku attenda għall-preżentazzjoni tad-Dokument *"A vision for an Eco-Island"* u t-tnedija ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-pjan ta' azzjoni Eko Għawdex 2013-2015. Din l-attività saret fis-27 ta' Awwissu ġewwa l-Grand Hotel, l-Imġarr.
Is-Sindku qal li ż-żmien sa meta wieħed jista' jressaq l-proposti tiegħu inkuż il-Kunsilli huwa t-28 ta' Settembru 2012. Huwa ippropona li għandha issir talba biex f'Għawdex jkun hemm *Night Shelter* għall-anzjani peress li s'issa għadt m'hawnx u diversi anzjani isemmu din l-ħtieġa.

9.2 L-Uffiċċj tal-PM għadu kif waqqaf Bord tal-Monitoraġġ tal-Kunsilli Lokali biex tiġi eżaminata s-sistema preżenti tal-monitoraġġ. F'dan r-rigward il-Kunsill qed jiġi mistieden biex iressaq is-suġġerimenti li jkollu sa mhux aktar tard mis-6 ta' Settembru 2012.

9.3 Saret ħarġa soċjo-kulturali ta' nofs ta' nhar madwar Għawdex li għaliha attendew 22 persuna fosthom is-Sindku. Saret żjara fil-knisja ta' San Lawrenz fl-okkażjoni tal-festa ta' dan il-qaddis kif ukoll dar Dun Ġużepp Cauchi. Il-ħarġa kompliet billi saret żjara fil-wied ta' l-Għasri, ix-Xwejni u l-Qbajjar. Il-ħarġa kienet ikkumplimentata b'kafè u *snack* mil-kumpless *Gozo Traditions*.

9.4 Ġie iffirmat il-kuntratt għat-twaqqiegħ u l-bini tat-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku mal-kuntrattur Carmel Grima kif ukoll l-kuntratt mas-Sur Tarċisju Xerri biex jingħata il-*membrane* fuq il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

9.5 Is-Sindku ippropona ukoll biex issir ħarġa soċjo-kulturali għal-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, kif ukoll ħarġa ta' nofs ta' nhar għal-Kemmuna, kif ukoll oħra għan-*Notte Bianca* li ssir fil-Belt Valletta.

9.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li illum għall-ħabta tas-6.30 pm ser issir żjara fill-Kunsill mill-Kap tal-Oppożizzjoni u tal-Partit Laburista Dr Joseph Muscat. Il-Kunsill qabel li jiġi ippreżentat replika tal-Għajn il-Kbira u l-Ktejjeb *The Village of Valleys and Springs* lill-Dr Joseph Muscat.

Il-laqgħa spiċċat fit-6.45p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-30 ta' Settembru 2012, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| Louis Stefan Magrin | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555